MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 594/2007

Reginald Fava f'ismu *proprio* u ghan-nom tas-socjeta`
Chemimart Ltd. (C74)
vs
Awtorita` Dwar il-Medicini
Tabib Principali tal-Gvern fil-kapacita` tieghu bhala
Supretendent tas-Sahha Pubblika u bhala l-Awtorita`
Dwar il-Licenzjar
Ministru tas-Sahha
L-Avukat Generali

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li biha espona:

1. Illi r-rikorrenti Reginald Fava huwa spizjar u gie mcahhad milli jezercita l-professjoni tieghu ta' spizjar mill-fond 21 Triq ir-Repubbliku, il-Belt Valletta u dan minkejja li huwa u r-rikorrent l-iehor u l-fond fuq imsemmi

ghandhom il-kwalifiki kollha skond il-Ligi biex l-istabbiliment imsemmi tinhariglu licenzja biex tkun tista' topera bhala spizerija;

2. Illi r-rikorrenti ghamlu riferenza ghall-applikazzjoni minnhom intavolata lill-intimati biex ikollhom spizerija f'21 Republic Street, Valletta liema applikazzjoni ntbaghtet lill-intimati fil-25 ta' April 1990 u ghandha riferenza nru. DH 928/90 li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala dokument A.

3. Illi b'ittra tal-21 ta'Gunju 1990 li kopja giet annessa mar-rikors u immarkata bhala dokument B ir-rikorrenti gie infurmat illi t-talba tieghu ma tistax tigi kkunsidrata f'dak l-istadju minhabba '*quota considerations' ai termini* tad-*Dispensary Licensing Regulations* 1984.

4. Illi dawn id-*Dispensary Licensing Regurations* 1984, *Legal Notice* 31/84, kellhom jigu revokati u sostitwiti bil-*Pharmacy License Regulations* ta' l-2003 pero` li ghadhom sal-gurnata tal-lum ma dahlux fis-sehh.

5. Illi din it-tali applikazzjoni regghet giet ikkunsidrata mill-intimati wara ittra mibghuta mir-rikorrent fit-2 ta` Lulju 1996 li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala dokument C galadarba dawn ir-regolamenti kienu ser jigu sostitwiti b'regolamenti godda.

6. Illi minkejja dan b'ittra tal-11 ta' Dicembru 2006 annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok.H ir-rikorrenti gew infurmati li l-'*administrative freeze'* applikabbli ghall-hrug ta' licenzji godda ghadha qed tigi applikata u dan *stante* li whud mill-membri ta' *Tripartite Committee* maghmul minn rapprezentanti tal-Ministru tas-Sahha, Kamra ta' l-Ispizjara u GRTU b'mod abbusiv u illegali li jiddeciedu fejn u meta ghandhom jinghataw licenzji ghall-spizeriji ma qablux ma' tali talba.

7. Illi skond il-ligi dan it-*Tripartite Committee* m'ghandhux *status* legali stante li kull decizjoni jekk tinghatax licenzja ghall-spizerija hija vestita skond il-ligi f'idejn l-intimati.

8. Illi l-intimati skond il-ligi huma awtorizzati biex jezercitaw il-poteri amministrattivi moghtija lilhom u m'ghandhom ebda awtorita` biex jiddelegaw tali poter f'idejn it-*Tripartite Committee*.
9. Illi ghalhekk l-intimati naqsu mid-doveri taghhom skond il-ligi meta huma uzaw diskrezzjoni amministrattiva b'mod abbusiv u llegali.

10. Illi t-talba ghar-rifjut tal-hrug tal-licenzja minhabba '*quota considerations'* u minhabba '*administrative freeze*' huma abbusivi u illegali u jilledu d-drittijiet civili u kostituzzjonali tar-rikorrent.

11. Illi ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza li fil-Belt Valletta ghalqu tul iz-zmien diversi spizeriji fosthom *The Victoria Pharmacy* fi Triq ir-Repubblika; *Kingsway Pharmacy* fi Triq ir-Repubblika; *Dominion Pharmacy* fi Triq Melita; *Crown Pharmacy* fi Triq ir-Republika u *Galea's Pharmacy* fi Triq l-Ifran u dan barra ohrajn hawn mhux imsemmija u ghalhekk zgur ma japplikawx il-kriteriji demografici *stante* li l-ispizeriji mill-Belt Valletta qed jonqsu u mhux jizdiedu.

12. Illi wkoll ir-rikorrenti ghandhom dritt jifthu din it-tali spizerija fi 21 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta ghax ghandhom il-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex dan isir peress illi meta tiehu in konsiderazzjoni l-eghluq ta' dawn l-ispizeriji *ergo quota considerations* u t-tibdil demografiku kif ukoll l-influss kbir ta' nies u turisti fil-Belt Valletta hemm htiega li din it-tali licenzja tinhareg.

13. Illi minkejja dan ir-rikorrenti, ghax kien qed ihoss illi l-ghemil ta' l-intimati konsistenti f'rifjut ghal hrug ta' licenzja biex jopera spizerija kien ser jigi michud ghal ragunijiet abbuzivi u illegali, huwa applika wkoll fit-3 ta' Ottubru 1994 tramite Neville Curmi, fejn kienu talbu biex l-ispizerija li kienet ezistenti f'The Economical British Dispensary fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tigi trasferita fil-proprjeta` tar-rikorrenti fi 21 Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta kif jirrizulta mid-dokumenti D, E u F.

14. Illi b'ittra tat-30 ta' Dicembru 1994 huma gew infurmati li tali spizerija ma tistax tigi trasferita pero` ma nghatawx ebda raguni ghal dan li kopja taghha giet esebita mar-rikors u immarkata bhala dokument G.

15. Illi b'ittra tas-16 ta' Marzu 2007 annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok I ir-rikorrenti gie nfurmat ukoll wara li kien talab ghar-rikonsiderazzjoni tar-rifjut tat-talba biex jittrasferixxi The Economical British Dispensary ghall-fond tieghu f'21Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, illi din it-talba ghat-trasferiment ta' tali licenzja ma tistax tigi akkolta *stante* li minn dak iz-zmien 'il hawn *The Economical British Dispensary* ghalqet.

16. Illi huwa inkongruwu, abbusiv u llegali li l-intimati jippretendu li l-applikazzjoni biex tigi processata applikazzjoni ghal ftuh u/jew trasferiment ta' spizerija ghandha tiehu tlettax il-sena u fil-frattemp m'ghandu jsir xejn minn dak il-fond u ghalhekk bi skuza jew ohra, wara jsir uzu iehor mill-fond imsemmi jigi osservat mill-intimati li tali spizerija mhix ezistenti u ghalhekk skond l-intimati ma setax jinhareg tali permess ghat-trasferiment ta' tali licenzja.

17. Illi l-intimati messhom ikkunsidraw iz-zmien validu ghal tali trasferiment, iz-zmien meta saret l-applikazzjoni ghat-trasferiment tal-licenzja ta' l-ispizerija in kwistjoni u mhux iz-zmien ta' tlettax-il sena wara li mhux iz-zmien utili ghal tali konsiderazzjoni.

18. Illi huwa evidenti li l-intimati, b'mod abbusiv u illegali u ghar-ragunijiet mhux xierqa agixxew jew naqsu li jagixxu billi jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex jopera spizerija fi 21 Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta kif ghandu dritt jaghmel skond il-ligi.

19. Illi l-intimati naqsu milli jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti fi zmien utili biex huma jispjegaw ir-raguni

tar-rifjut kif ukoll naqsu milli jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti biex bhala awtorita` pubblika jaghtu r-ragunijiet skond il-ligi ghaliex ir-rikorrenti ma jistax jiftah spizerija fil-fond tieghu f’21 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta biex ukoll ikun jista’ jezercita l-professjoni tieghu ta’ spizjar kif sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea u mit-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropea.

20. Illi wkoll bhala awtorita` pubblika l-intimati naqsu milli jaghtu ragunijiet validi ghaliex applikaw '*administrative freeze*' meta din ma tirrizultax mil-ligi u tmur kontra d-drittijiet fundamentali u jekk kienet tezisti, illum m’ghadhiex tezisti kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghalhekk kull ghemil f’dan is-sens minnhom maghmul huwa *ultra vires*, abbusiv u llegali.

21. Illi l-ghemil amministrattiv ossija l-'*administrative freeze*' u ghalhekk in-nuqqas ta’ l-intimati li jikkunsidraw l-applikazzjoni tar-rikorrenti fuq il-merti taghha u fi zmien utili sia meta applika biex ikollu licenzja ta’ spizerija u sia meta talab biex spizerija gja ezistenti tittrasferixxi l-operat taghha fil-fond tieghu jivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti oltre li tikser il-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-Konvenzjoni Ewropea u t-Trattat Ewropew u jcahhad lic-cittadin mid-drittijiet u l-libertajiet tieghu u jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita` pubblika ossija l-intimati billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet ohra.

22. Illi barra minn hekk kellu jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza wkoll minn korrispondenza tal-Minishu tas-Sahha li r-rikorrenti ghandu f’idejh illi mhux minnu li hemm *'administrative freeze'* fuq il-hrug ta’ licenzji u dan stante li d-Dipartiment tas-Sahha seta’ jikkunsidra l-applikazzjonijiet kollha konnessi mal-hrug ta’ dawn il-licenzji u ghalhekk tali rifjut mill-Awtorita` Dwar il-Medicini u mill-intimati l-ohra kienet ibbazata mhux fuq il-ligi u r-regolamenti imma kif diga inghad fuq kunsiderazzjonijiet ohra abbusivi u llegali.

23. Illi anke kieku kien jezisti dan l-*'administrative freeze'* dan huwa *ultra vires* il-poteri ta’ l-intimati *stante* li mhux approvat mill-Kamra tar-Rapprezentanti u mhux sanzjonat mil-ligi.

24. Illi inoltre l-*'administrative freeze'* ikun qed jikser mhux biss id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghax qed icahhad lir-rikorrenti minn xogholu kif sancit mill-*Article* (1) u (2) tal-*European Social Charter* imma wkoll id-direttivi u r-regolamenti ta’ l-Unjoni Ewropea fuq *Fair Competition*.

25. Illi d-dritt ghax-xoghol huwa dritt sancit mill-Kostituzzjoni u stabbilit fl-Artikli 7, 12, 14 u 21 tal-Kostituzzjoni u *Article* (II-75) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea kif elenkati fil-Libertajiet tac-*Charter of Fundamental Rights* ta’ l-Unjoni Ewropea, klawsola 1(2) tal-*European Social Charter* oltre d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Generali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Artiklu (23) u fl-Artiklu (6) tal-Konvenzjoni Internazzjonali on *Economic Social and Cultural Right* li Malta hija firmatarja taghha.

26. Illi din il-projbizzjoni ghal hrug ta’ licenzja mill-intimati biex ir-rikorrenti jkun jista jezercita l-professjoni tieghu mill-fond 21 Triq ir-Republika, Valletta, hija vjolazzjoni ta’ dritt ta’ proprjeta` u diskriminatorja in konfront tieghu *vis a vis* nies ohra mill-istess professjoni kif ukoll *vis a vis* professjonijiet ohra li m’ghandhom bzonn l-ebda licenzja biex joperaw minn xi fond, u dan bi vjolazzjoni ta’ l-Artikli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

27. Illi l-ghemil li bih ir-rikorrenti gew imcahhda mill-intimati milli jinghataw il-licenzja biex joperaw spizerija f’2l Triq ir-Repubblika Valletta, tohloq vjolazzjoni ta’ l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe` tad-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` kif ukoll tal-Artiklu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe` diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom.

28. Illi ghalhekk ir-rifjut li r-rikorrenti jigi moghti licenzja biex jopera spizerija fi 21 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta huwa ghemil abbusiv tas-setgha ta' l-intimati billi tali rifjut sar ghal ghanijiet mhux xierqa u gie msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti u mhux skond il-ligijiet tal-pajjiz u ghalhekk ghandu jigi dikjarat *ultra vires*, abbuziv u illegali.

29. Illi tali agir huwa abbusiv u llegali u *ultra vires* u jikser il-Kostituzzjoni billi l-intimati hadu in konsiderazzjoni kriterji li ma kienux stabbiliti u/jew li ma jissussistux fil-ligi mentri irrifjutaw it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-licenzja ta' spizerija mill-fond 21, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta minkejja li ssodisfaw il-kriterji stabbiliti u dan kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom il-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex ikollhom u jinghataw licenzja biex jiggestixxu spizerija f'21, Triq ir-Republika Valletta.

2. Tiddikjara li l-ghemil ta' l-intimati li cahhdu lir-rikorrenti milli jinghataw licenzja biex joperaw spizerija fi 21, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta kien abbuziv u illegali u dan stante illi agixxew *ultra vires* billi ma segwewx il-kriterji stabbiliti mil-ligi.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil ta' l-intimati li cahhdu lir-rikorrenti milli jinghataw licenzja biex joperaw spizerija f'21, Triq ir-Republika, Valletta kien abbuz tas-setgha ta' l-intimati, billi tali rifjut sar ghal ghanijiet mhux xierqa u gie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil li bih ir-rikorrenti gew imcahhda mill-intimati milli jinghataw il-licenzja biex joperaw spizerija f'21, Triq ir-Repubblika Valletta tohloq vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni kemm ta' l-

Artikli 7,12, 14 u 21 tal-Kostituzzjoni u *Article* (II-75) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea kif elenkati fil-Libertajiet tac-Ch*arter of Fundamental Rights* ta' l-Unjoni Ewropea, klawsola 1(2) tal-*European Social Charter* oltre d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Generali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Artiklu (23) u fl-Artiklu (6) tal-Konvenzjoni Internazzjonali *on Economic Social and Cultural Right* li Malta hija firmatarja taghha u billi tivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` a tenur ta' l-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u 45 ta' l-istess Kostituzzjoni billi tivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ghemil li bih r-rikorrenti gew imcahhda mill-intimati milli jinghataw il-licenzja biex joperaw spizerija f'21, Triq ir-Republika, Valletta, tohloq vjolazzjoni ta' l-Artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe` tad-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` kif ukoll ta' l-Artiklu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe` diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fid-dgawdija tal-proprjeta` taghhom.

6. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex ikunu jistghu joperaw spizerija mill-fond 21, Triq ir-Republika, Valletta, u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti.

7. Fin-nuqqas illi l-intimati jew min minnhom jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex ikunu jistghu joperaw spizerija f'21, Triq ir-Republika, Valletta fi zmien hawn fuq stabbilit ghandu jigi ikkunsidrat illi r-rikorrenti jkunu jistghu joperaw spizerija mill-fond fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Mejju, 2007 u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrenti ghat-telf ta' profitti minnhom subit minhabba n-nuqqas ta' hrig ta' licenzja ghall-uzu tal-fond bhala spizerija.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta guramentata tat-Tabib Principali tal-Gvern *et* li biha esponew:

Illi preliminarjament l-Awtorita` tal-Medicini ma hix leggittima kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li d-decizjoni ahharija dwar jekk ghandiex tinghata o meno licenzja ghal-operazzjoni ta' spizerija, ttiehed mill-Awtorita` Dwar il-Licenzjar cioe` mit-Tabib Principali tal-Gvern u mhux mill-Awtorita` intimata.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-Ministru tas-Sahha kif ukoll l-Avukat Generali ma humiex legittimi kontradittur u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li kif gia nghad qabel hadd minn dawn iz-zewg intimati ma jiehdu d-divizjoni [*recte* decizjoni] dwar ghoti *o meno* ta' licenzji bhal dik mertu ta' din il-kawza.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess fil-konfront ta' l-ewwel talba tar-rikorrent il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur u dan *stante* li l-kawza hija dwar ezercizzjoni ta' diskrezzjoni amministrattiva li ma tistax tigi sostitwita mill-Qorti.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess, fil-konfront tas-sitt talba, it-talba ta' l-attur fejn jitlob lill-Qorti tordna l-hrug ta' licenzja fid-diskrezzjoni taghha u mhux tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika tmur espressament kontra l-ligi u l-Kostituzzjoni *stante* li tikkostitwixxi talba lill-Qorti biex tezercita poter ezekuttiv in vjolazzjoni ta' l-istess Kostituzzjoni.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess il-licenzja *de quo* bl-ebda mod ma tista' ttiehed jew tigi kkunsidrata bhala ghoti ta' fakulta` ta' ezercizzju ta'

professjoni *stante* li l-istess licenzja hija biss koncessjoni da parti ta' l-intimat t-Tabib Principali tal-Gvern lill-applikant sabiex jopera spizerija fil-fond indikat fl-applikazzjoni, infatti l-applikant jista' ma jkunx spizjar. Il-licenzja hija koncessjoni ghall-operazzjoni ta' spizerija u mhux approvazzjoni ghal ezercitazzjoni ta' professjoni.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess kuntrarju ghal dak pretiz f'paragrafu 12 l-ghoti *o meno* ta' licenzja, ma hix dritt izda koncessjoni da parti ta' min ghandu l-poter li johrog jew jirrifjuta tali ghoti.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-konfont tal-paragrafu 14 tar-rikors ghandu jinghad illi t-talba ghal trasferiment tal-licenzja ma kellhiex ezitu pozittiv *stante* li l-intimat ma kellux il-poter illi jawtorizza tali trasferiment. Ghalhekk gjaladarba ma setax isir it-trasferiment, il-licenzja skadiet. Illum gjaladarba dik il-licenzja ma ghadhiex ezistenti ma jistax isir trasferiment ghax ma hemmx licenzja valida fis-sehh suggett ghat-trasferiment.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-intimat Tabib Principali tal-Gvern *et*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' <u>Neville Curmi</u>, direttur tas-socjeta` EBD Limited, li kienet tiggestixxi u kienet proprjetarja ta' *The Economical British Dispensary* f'36, *Republic Street*, Valletta u dan sal-1995. Illi huwa kien ftiehem mas-Sur Reginald Fava li l-licenzja ta' spizerija kellha tinqaleb fuq il-fond gestit minnu f'21, *Republic*

*Street*, Valletta, effettivament ftit bibien 'il fuq inti u miexi lejn Putirjal. Huwa kien applika lid-Dipartiment tas-Sahha fit-3 ta' Ottubru 1994.

Illi b'ittra tat-23 ta' Dicembru 1994 id-Dipartiment tas-Sahha kienu nfurmawh illi l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata. Ir-raguni ghar-rifjut ma tawhielu qatt. Illi dan qatt ma kien accettabbli ghalih *stante* li skond id-*Dispensary Licensing Regulations* 1984, LN 31/84 huma kellhom jiehdu in konsiderazzjoni *quota considerations* u ghalhekk galadarba huwa ried imexxi din l-ispizerija minn post ghall-iehor ma kien hemm l-ebda raguni valida jew logika ghaliex kellha tigi rifjutata.

Sar jaf li b'ittra tas-16 ta' Marzu 2007, dokument I fil-process, l-Awtorita` Dwar il-Medicini irrifjutat l-applikazzjoni ghat-trasferiment tal-licenzja ta' l-*Economical British Dispensary* ghaliex din l-ispizerija inghalqet u ghalhekk skond l-Awtorita` t-talba ghat-trasferiment ta' tali licenzja ma tistax issir ghax ma tezisti l-ebda licenzja biex tigi trasferita.

Gie prezentat affidavit ta' Reginald Fava, *Managing Director* ta' *Chemimart Limited* li xehed li din hija kumpanija li tiggestixxi diversi hwienet ghall-bejgh ta' oggetti ta' profumerija, farmacewtici, kosmetici u affarijiet tat-twaletta oltre li timporta diversi oggetti in konnessjoni ma' dawk il-hwienet. Fava bi professjoni huwa spizjar. Illi fost il-fondi li l-kumpanija tieghu tiggestixxi, ghandu hanut il-Belt, ossija 21, Triq ir-Repubblika, Valletta. Huwa talab biex tinhariglu licenzja biex jista' jopera l-istess fond bhala spizerija, liema licenzja applika ghaliha b'referenza numru DH928/90 fil-25 ta' April 1990.

Illi b'ittra tal-21 ta' Gunju 1990, dokument B fil-process, huwa gie infurmat li t-talba tieghu ma setghetx tigi kunsidrata f'dak l-istadju minhabba *quota considerations ai termini* tad-*Dispensary Licensing Regulations* 1984. Illi dan huwa assolutament mhux minnu u skorrett *stante* li fil-Belt f'dak iz-zmien, kienu qed jinghalqu l-ispizeriji u mhux jinfethu.

Illi huwa jista' jipprova illi sa dak il-perijodu u wara kien inghalqu l-*Victoria Pharmacy* fi Triq ir-Republika, Valletta, bieb ma' bieb minn fejn ghandu l-hanut Fava; *Kingsway Pharmacy*, fi Triq ir-Republika, Valletta, li kienet biswit il-hanut tieghu; id-*Dominion Pharmacy* f'Melita Street, Valletta, li kienet zewg bibien 'il bod minn fejn ghandu l-hanut tieghu; *Crown Pharmacy* go Triq ir-Republika, Valletta, kwazi quddiem Café' Cordina, ossija that il-logog; *Galea's Pharmacy* fi Triq l-Ifran, Valletta; *St.John's Pharmacy* f'St.John's Street; *National Pharmacy* li kienet fi Triq ir-Republika, Valleta, ossija hdejn il-Kazin Malti; *Mondial Pharmacy* li kienet f'Merchant Street, Valletta, *Central Pharmacy* fi Triq ir-Republika, Valletta, quddiem il-bank illum imsejjah HSBC; *British Pharmacy* fi Triq San Gwann il-Belt u ohrajn ukoll il-Belt. Illi dan juri bic-car li spizeriji l-Belt inghalqu diversi minkejja li n-nies li jidhlu l-Belt tul is-snin zdied konsiderevolment, u anke ghax zdiedu l-ufficini kif ukoll bhala kwantita` ta' turisti li jzuru lil Gziritna.

Qal li l-intimati uzaw diskrezzjoni b'mod hazin u mhux skond il-Ligi biex huma ma jghatuhx din it-tali licenzja u ghalhekk m'humiex korretti meta huma jsostnu li din ma setghux jaghtuhielu minhabba *quota considerations*. Din l-applikazzjoni regghet giet ravvivata minnu fil-15 ta' Settembru 2006. Illi l-intimati rcevew tali ittra peress li baghtulu *acknowledgement* ta' l-istess permezz ta' ittra ta' l-Awtorita` tal-Medicini tad-19 ta' Settembru 2006.

B'ittra tal-11 ta' Dicembru 2006 ta' l-Awtorita` Dwar il-Medicini li kopja taghha giet ezebita fil-process bhala dokument H, huma nfurmawh li l-*freeze* amministrattiv ghadu applikabbli u mhux qed johorgu l-ebda licenzji godda. Illi kif irrizulta mil-istess dokument, dan ifisser illi issa ma kkwotawlux aktar *quota considerations* imma *freeze* amministrattiv.

Hass li huwa ovvju li l-Awtorita` tal-Medicini, kif jghidu l-Inglizi, iccaqlaq il-lasti skond kif jaqblilha minghajr ma tapplika l-ligi li hija ghandha inforzabbli f'pajjizna. Illi jekk wiehed jara d-*Dispensary Licensing Regulations* ta' l-1984, kif ukoll l-emendi kollha li saru wara u anke l-

*Pharmacy License Regulations* tal-2003, dawn ma jaghtux lok ghal *freeze* amministrattiv imma jitkellmu biss fuq *quota considerations*. Effettivament, il-*Pharmacy License Regulations* jitkellmu fuq *Geodemographic Distribution* of *Pharmacies* u mhux fuq *freeze*.

Zied li ghalhekk l-Awtorita` tal-Medicini, bl-ittra taghha tal-11 ta' Dicembru 2006, ossija bl-ghemil taghha cahhduh milli jigi moghti licenzja biex jopera spizerija fi Triq ir-Repubblika, Valletta, u dan b'mod abbuziv u illegali *stante* li agixxiet *ultra vires* billi ma segwietx il-kriterji kif stabbiliti fil-ligi.

Qal li kif jafu l-istess intimati, huma m'agixxewx skond il-ligi u hadu pariri minghand it-*Tripartite Committee* li la huwa stabbilit mil-ligi u lanqas mir-regolamenti. Sostna li l-intimati messhom applikaw il-ligi u mhux qaghdu fuq parir ta' nies li kellhom interessi ohra ossija li ma riedux kompetizzjoni li tista' taffettwa l-opera taghhom f'irhula u bliet ohra madwar Malta.

Illi bl-ittra tieghu tal-15 ta' Settembru 2006, huwa talab li jerga' jirravviva din l-applikazzjoni flimkien mat-talba tieghu biex ikollu spizerija *ad hoc* minghajr bzonn ta' trasferiment ta' licenzja.

Sostna li skond pariri legali li ha, huwa wkoll ghandu dritt jezercita l-professjoni ta' spizjar galadarba gie moghti l-*warrant* mill-Gvernatur *Laycock* fl-1955 u dan *stante* li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja u t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropeja jissancixxu d-dritt tax-xoghol.

Zied li c-cahda ta' l-intimati u l-applikazzjoni ta' *administrative freeze*, galadarba ma jirrizultax mil-ligi, tmur kontra d-drittijiet fundamentali tieghu u huwa abbuz tas-setgha ta' l-Awtorita` Pubblika. Huwa jaf illi dan l-*administrative freeze* m'ghadux jezisti ghax f'korrispondenza li ghaddiet bejn il-Ministru tas-Sahha u proprjetarju ta' spizerija, l-istess Ministru tas-Sahha kien qal illi din l-*administrative freeze* spiccat wara parir moghti

lilu mill-Avukat Generali, oltre li meta kienu qed japplikawha ma kienux qed jimxu skond il-ligi.

Qal li inoltre, minkejja li dan l-*administrative freeze* kif hawn fuq inghad m'ghadux jezisti, u jekk jezisti, m'hemmx bazi legali ghaliex dan ghandu jkun hekk, u dan *stante* li jmur kontra l-*European Social Charter* kif ukoll id-direttivi u regolament ta' l-Unjoni Ewropeja fuq *Fair Competition*. Illi huwa dahal fil-*website* ta' l-Ombudsman u nizzel mill-istess *website* decizjoni amministrattiva moghtija mill-istess Ombudsman in konnessjoni ma' talba ta' xi persuna ghal ftuh ta' spizerija, liema kaz igib in-numru F533 u li gie ezebit u immarkat bhala dokument N.

Xehed <u>Reginald Fava</u> u semma li ilu z-zmien jipprova jottjeni l-licenzja ghall-fond 20/21, *Republic Street*, Valletta. Iddikjara li ilu madwar hmistax-il (15) sena jipprova jgib din il-licenzja. Ipprova wkoll igib trasferiment. Huwa xehed li hu l-ewwel applika biex jiehu licenzja fuq il-post li kellu u dina giet rifjutata, imbaghad it-tieni attentat tieghu kien biex huwa jitlob trasferiment ta' spizerija ohra, li kienet l-*Economical*. Xehed li qalulu li ma jistax jinghata licenzja minhabba *administrative freeze*. Mistoqsi kemm l-ispizerija kienet funzjonanti l-Belt hmistax-il (15) sena ilu, huwa qal li jahseb li kien hemm aktar minn ghoxrin (20) spizerija. Qal li l-maggor parti ta' dawk l-ispizeriji, dawn l-ghoxrin (20) *piu` o meno* spizerija li kien hemm, illum huma maghluqin. Zied jghid ukoll illi kien hemm spizerija li kienet quddiem San Gwann, minn dak in-nhar sa ftit snin wara u dina tawha permess sabiex tigi trasferita ghal fuq fejn hemm il-monti, fejn hemm is-suq. Xehed illi dina, ftit snin ilu, giet trasferita ghal fejn hemm is-suq. Zied jghid illi jidhirlu li dik l-ispizerija kien jisimha *Regent Pharmacy*. Gie mistoqsi dwar *areas* ohra ta' Malta u sostna li f'*areas* ohra ta' Malta ukoll kien hemm trasferimenti ta' spizerija. Fava ezebixxa kopja ta' l-ittra li tghid illi lil-Ministru baghat lill-Onorevoli Michael Bonnici, biex jikkonferma li ma hijiex *within the parameters of the law*.

Fava kompla jixhed u qal illi gew trasferiti f'*areas* ta' Malta fosthom Tas-Sliema. Semma l-Belt u *areas* ohra varji.

Rigward l-*administrative freeze*, qal li ma kien hemm xejn fil-ligi li tista' tigi implimentata dina l-friza amministrattiva. Semma wkoll id-*demographic consideration* li kienu kunsiderazzjonijiet skond l-*area* li inti tkun qed topera fiha, huwa fehem ukoll li ma ghandekx tiftah spizerija bieb ma' bieb ma' haddiehor, pero` jekk ikollok spizerija bieb ma' bieb mieghek li tkun ghalqet kif f'dan il-kaz kien hemm, jekk dak li jkun ikollu spizerija quddiemu li ghalqet allura lilu, l-kumpanija tieghu, ma jaghtuhiex permess li tezercita d-dritt taghha biex jiftah spizerija.

In kontro-ezami, spjega li fejn huwa kien qed jitlob, fejn hemm *Blackley* illum u waqt li l-ispizerija l-ohra kienet proprjament il-*British Economical* li kienet fejn illum hemm il-Coluseum. Spjega li bieb ma' bieb mieghu ghalqet il-*Victoria Pharmacy* u faccata tieghu ghalqet il-*Kingsway Pharmacy*, ftit aktar 'l isfel minn tieghu ovvjament ghalqet l-*Economical Dispensary*, ftit 'l isfel minnha kien hemm il-*Crown*, faccata taghha kien hemm in-*New British*, dawn kwantita` ta' spizeriji li ghalqu u m'hemmx, fl-opinjoni tieghu il-Belt ma hemmx spizeriji bizzejjed fl-akwati li talab permess huwa biex jaqdu n-nies u dan jirrizulta fi *queues* biex in-nies jinqdew.  Ikkonferma li fil-kantuniera tas-Savoy hemm ir-*Royal Pharmacy*.

Xehed <u>Mark Cilia</u>, Direttur ta' l-Ispettorat fi hdan l-Awtorita` tal-Medicini, u semma li l-Awtorita` tal-Medicini mhix dipartiment tal-Gvern, hija Awtorita` awtonoma, hija indipendenti mid- Dipartiment tas-Sahha.  Zied ukoll illi huma hadu l-obbligu tar-regolazzjoni ta' l-ispizeriji minghand id-Dipartiment tas-Sahha fl-ahhar tas-sena 2004, liema process gie moghti lilhom fis-sena 2005 b'tali mod li hadu kompletament kontroll ta' l-ispizeriji fl-ahhar tas-sena 2005, Jannar 2006 cioe` d-Dipartiment tas-Sahha kien ghaddielhom il-*files* kollha li kellu u huwa, appuntu, ghamel ir-ricerka tieghu.

Xehed <u>Clifford Cauchi</u>, *Principal Health Inspector* mad-Dipartiment tas-Sahha u qal li kien gie mitlub biex jipprezenta lista ta' l-ispizeriji li kienu jezistu fl-1980, izda ma sabx il-lista in kwistjoni, pero` sab il-lista ta' l-ispizeriji li jifthu nhar ta' Hadd u qabad il-karti kollha tas-sena kollha,

tal-Hdud kollha u tal-festi kollha u kien ghamel fotokopja taghhom, u fil-fatt ipprezentaha.  Qal ukoll lil tar-*Registry* sabiex ifittxu jekk hemmx *file* dwar l-*Economical British Dispensary* u ma sabu xejn.

<u>Xehed Joseph Bonnici</u> u semma li huwa kien, bhala professjoni, farmacista u ex-membru parlamentari. Mistoqsi dwar korrispondenza li kellu fil-passat mal-Onorevoli Louis Galea, qal li waqt li kien qed jara l-ittra a fol 82 u 83 tal-process u assuma li dik kienet ittra li huwa kien ircieva minghand il-Ministru.  Xehed li dik kienet il-korrispondenza in segwitu li huwa kien semma li ma kienx hemm bzonn tal-ftuh ta' farmacija gdida f'Haz-Zebbug. Zied li f'dak iz-zmien il-Ministru Galea kellu l-Ministeru tal-Politika Socjali li jinkludi d-Dipartiment tas-Sahha.  Dan kien qed jirreferi ghall-perjodu mill-1987 sal-1992.  Ma kienx jaf jghid jekk kenitx giet applikata l-'*administrative freeze'* jew le minn dak il-perjodu sad-data tas-seduta. Kompla li minn dak iz-zmien sad-data tas-seduta fethu spizeriji aktar f'Haz-Zebbug.

<u>Xehed Tonio Cassar</u>, Direttur fil-Ministeru tal-Politika Socjali, *Director People Management* u semma li fil-kaz in kwistjoni huwa kien *Director Inspectorate Enforcement* fil-*Medicines Authority*.  Gie mistoqsi specifikament ghall-kliem fejn is-Sur Fava kien talab illi jigi moghti permess ghall-ispizerija l-Belt u li fiha hemm miktub, '*certain parties within the committee did not agree to this request'*, u spjega kif tinhadem din tas-*'certain* parties'.

Is-Sur Tonio Cassar kompla jixhed u qal illi l-Ligi dak in-nhar kienet tghid li *Clause* 5 kienet *repealed*, mela huwa gibdilhom l-attenzjoni li l-Ligi kif kienet dak in-nhar kienet *open*.  *Clause* 5 li kienet 3,000, cioe` li spizerija kienet tiftah kull 3,000 residenti u li kienet tigi *repealed*.  Kompla jzid illi ghalhekk ma kien hemm xejn car fil-ligi u barra hemm huwa interpreta li kienet fis-sens li kien hemm xi haga specifika fil-Ligi li tnehhiet, b'hekk giet '*open*'.  Meta staqsewh xi tfisser *'open'*, hu irrisponda li jekk xi hadd japplika, dan jehodha.  Kompla jghid illi huma bhala Gvern kien hemm din il-pozizzjoni pero` kien hemm '*freeze'* li l-Gvern impona '*freeze'* fuq licenzji godda bi qbil ma' dawk

il-partijiet. Ghalhekk, strettament, jekk japplika kull cittadin, inkluz is-Sur Fava, ma kien hemm xejn xi jzommu hlief ghal dan l-'*administrative freeze*' u dan l-'*administrative freeze*' mhux saret kawza ta' xi ligi izda fuq '*memorandum of understanding*' li s-Sur Cassar qal illi sar mal-GRTU u c-'*Chamber of Pharmacists*' mal-Gvern. Zied li c-*Chamber of Pharmacists* u l-GRTU kienu huma li oggezzjonaw. Qal illi jekk joggezzjona xi hadd il-permess ma johrogx. Zied jghid illi, fil-fatt, il-Gvern ma kienx oggezzjona. Il-GRTU kienet tirrapprezenta lill-*Pharmacy Owners* u c-*Chamber of Pharmacists* lill-ispizjara, u cioe` l-*Professional Association* ta' l-ispizjara. Ovvjament kienet harget *Legal Notice* 279 ta' l-2007 li kienet stipulat illi l-Ligi tghid illi issa li spizerija tiftah kull 2,500 popolazzjoni u certu distanza bejn kull spizerija.

Zied li bhala stat ta' fatt ma kienx gara kif hemm imnizzel fl-ittra. Sakemm telaq huwa minn Direttur tal-*Medicines Authority* f'Dicembru 2007 id-direzzjoni kienet li ma jipprocessawx applikazzjonijiet.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Dr. Patricia Vella Bonanno</u> fejn issemma li kien hemm zewg *administrative freezes*, u cioe` wahda li kienet *circa* fl-1990, liema friza kienet fis-sens li licenzja tinhareg biss lil spizjar, u l-ohra kienet fl-1996 meta giet emendat l-Avviz Legali u twaqqaf l-ipprocessar tal-licenzji ta' spizeriji.

Meta applika Fava fl-1991 kienu qed jinghataw licenzji kif diga espost fl-affidavit ta' Hal-Mula (maghrufa bhala St John's) nharget. Din inharget ghax kienet skond il-kriterji legali li kienu: spizerija ghal kull 3000 abitant f'lokalita`, sakemm ma jkunx anqas minn tnejn. Hal-Mula nharget ghax kienet f'*newly developed area* u kienet tissodisfa l-kriterju mwaqqaf fil-ligi. L-ezercizzju sar b'mod xjentifiku u oggettiv. Rigward in-numru ta' spizeriji fil-Belt li ghalqu nghid illi dan il-fatt ghalkemm jista' jkun minnu, definittivament huwa irrelevanti u ma hux wiehed mill-kriterji previsti mill-ligi, u ghalhekk ma jgorr ebda piz fl-evalwazzjoni ta' applikazzjoni ghall-ftuh ta' licenzja.

L-importanti hija r-*ratio* bejn l-abitanti fil-lokalita` u n-numru ta’ spizeriji. **Abitanti** ma jinkludix nies li jidhlu l-Belt. Irid jinghad illi meta applika l-attur fl-1991 kien hemm diga seba’ spizeriji miftuha: *Collis Williams*, *Regent, Royal, New British Dispensary, Empire, Empire Pharmacy Branch, Chemimart Pharmacy*.

Dawn certament kienu ferm aktar mir-*ratio* mitlub mil-ligi. Sabiex tinfetah it-tmien wahda kif qed jippretendi l-attur il-popolazzjoni riedet tkun 24,000 abitant. (Reg 5(1) (a) LN 31/1984).

L-eccezzjoni ta’ *newly developed area* zgur ma tapplikax ghax il-kaz in ezami jiffoka fuq "Triq ir-Repubblika" li ma tinkwadrax bhala *newly developed area*. Irid jinghad li jista’ jkun hemm aktar farmaciji miftuha! Tajjeb jigi innutat illi minn imkien ma jirrizulta fil-ligi li meta tinghalaq spizerija trid tinfetah ohra awtomatikament.

Rigward il-relokazzjoni ta' l-ispizerija "*British Economical Dispensary*" irid jigi ipprecizat illi t-talba ghal rilokazzjoni saret originarjament 21 ta' Lulju, 1994.

It-talba ma ntlaqghetx u dana *stante* li l-Avviz Legali li kien jirregola dan kien *Dispensaries (Licensing) Regulations* 31 ta' 1984, ma kienux jipprovdu ghal rilokazzjoni. Infatti din kienet ir-raguni li nghatat mill-ufficju ta’ l-Avukat tar-Repubblika.

It-*transfer* ma giex accettat u l-*Economical Pharmacy* ghalqet. Gialadarba kienet gja ghalqet meta saret it-talba tar-rikorrent ghal trasferiment, allura ma kienx hemm licenzja x’tittrasferixxi. Rilokazzjoni ssir biss meta jkun hemm licenzja valida u post identifikat.

Fl-2006 l-attur talab biex it-talba ta’ trasferiment tigi ikkunsidrata. Dana ma setax jsir u licenzja gdida ma setghetx tohrog ghax kif spjegajt hawn fuq il-kriterji tal-ligi ma kienux sodisfatti.

<u>In kontro ezami Dr.Patricia Vella Bonanno xehdet</u> li l-affidavit taghha li pprezentat precedentement isemmi iz-

zewg *freezes*, fejn hi kienet qed tirreferi ghall-*adminstative freezing*. Giet murija ittra a fol 82 tal-process *et seq* sa 91 li ggib il-firma tal-Ministru ta' dak iz-zmien Dr. Louis Galea, u tixhed li kien hemm parir li ma kienux qeghdin imexxu skond il-ligi u wara li rat din l-ittra, jekk dan kienx effettiv, irrispondiet illi l-ewwel nett f'dak iz-zmien hi ma kenitx responsabbli mil-licenzji ta' l-ispizeriji. L-*administrative freeze* li kien hemm, milli setghet tifhem hi, kien hemm fiz-zmien l-1990 – 1991 kien fis-sens li licenzja kienet tinhareg biss lill-ispizjar. Imma fuq dan, hi ma kenitx certa.

Ziedet li kienu sabu informazzjoni li kienet fuq li licenzji jinhargu biss lill-ispizjar, pero`, fl-istess hin ghal f'dan il-kaz, dik ma kenitx tapplika. Xehedet illi kienet taf li s-Sur Reginald Fava huwa spizjar. Kompliet tghid illi mill-*application* tal-1991, mill-informazzjoni li deher quddiemha, ma hargitx fuq il-kriterju il-ghaliex Reginald Fava ma kienx spizjar. Dak iz-zmien, Dr. Vella Bonanno xehedet illi kienet qed tapplika l-ligi u cioe` l-*Legal Notice* tal-1984.

Xehdet illi l-applikazzjoni ghal spizerija gdida f'dak il-lok u t-*transfer of pharmacy* huma totalment zewg affarijiet separati minn xulxin. Mistoqsiha allura kif ma hargitx il-licenzja meta hu talab it-traslog tal-licenzja li kienet tissussisti fuq *British Economical Pharmacy* li kienet dak iz-zmien fuq Curmi ghal ftit 'il boghod fejn ghandu l-perfumerija, Dr. Vella Bonanno irripetiet illi tiftah spizerija gdida go dak il-post kienet *application* ghaliha, li jsir *transfer* ta' spizerijia ohra, kienu zewg affarijiet totalment differenti.

Mistoqsija mill-Qorti li kif inhi l-applikazzjoni ghat-*transfer* giet michuda, Dr. Particia Vella Bonanno irrispondiet li bl-ambitu tal-ligi ta' dak iz-zmien ma setax johrog *transfer*. Ma kenitx taghti lok li jsir *transfer of pharmacy*. Ziedet illi dak iz-zmien il-kwistjoni tal-GRTU ma kenitx tezisti. Hu li kien jezisti l-fatt illi l-provvediment fil-ligi ghal *transfer* ta' licenzja ma kienx jezisti u ghalhekk l-affarijiet iridu jinzammu separati minn *a fresh application* ghal *transfer*.

Kompliet li fl-2007 inharget il-*Legal Notice* il-gdida, il-*Licencing Regulation* tat-2007 il-godda regghet saret talba ghal *transfer.* Dak in-nhar stess l-*Economical Dispensary* tal-Belt kienet ghalqet. Kienet ghalqet *fl*-1994 cioe` ma kenitx ghadha hemm f'dak iz-zmien, ma kenitx ghadha tezisti.

Mistoqsija jekk il-*file* tas-Sur Fava kienx baqa' miftuh tul iz-zmien, Dr. Vella Bonanno xehedet illi l-*file* tat-*transfer* qalet li le. L-applikazzjoni ghat-trasferiment kienet saret fl-1994 u dik giet michuda u dik kienet ghalqet, daqshekk. Fil-15 ta' Settembru 2006 kienet giet prezentata ittra gdida minghand is-Sur Fava kemm ghal applikazzjoni kif ukoll ghal trasferiment tal-licenzja. It-trasferiment fl-2006 gie rifjutat minhabba l-fatt li ma kienx hemm licenzja x'tittrasferixxi ghax dik kienet spiccat fl-1995.

Mistoqsija jekk il-persuna responsabbli mill-hrug tal-licenzja kenitx is-Supretendent tas-Sahha Pubblika u mhux it-*tripartite commition*, Dr. Vella Bonanno irrispondiet fl-affermattiv. Ziedet tghid illi jista' jghidulu 'iva' u ma johrogiex ukoll.

Xehed l-<u>Onorevoli Speaker Dr. Louis Galea</u> u ikkonferma li l-ittra tat-18 ta' April 1991 mahruga fuq *letterhead* tal-Ministeru tal-Politika Socjali indirizzata lill-Onorevoli Michael Bonnici u li kienet iffirmata minnu. Ikkonferma wkoll il-kaligrafija tieghu, li l-firma hija tieghu. Gie riferut dak li hemm fl-ahhar paragrafu a fol 82, izda ma ftakarx ic-cirkostanzi u d-dettalji tal-kaz pero` la kienet miktuba u iffirmata minnu, naturalment, wiehed ikun irid jipprova jirrintraccja dak li kien qed jghid li kiteb id-Dipartiment tas-Sahha.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Talbiet tar-rikorrenti:</u>***

F'din il-kawza saru diversi talbiet izda wiehed irid joqghod attent b'mod specjali ghat-talbiet principali u cioe` wiehed irid jezamina x'talab primarjament l-attur minhabba li xi talbiet jistghu jiznaturaw il-kawza.

Bazikament ir-rikorrent talab dikjarazzjoni li r-rikorrenti kellhom il-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex ikollhom u jinghataw licenzja biex jiggestixxu spizerija f'21, Triq ir-Republika Valletta. Sekondarjament ir-rikorrenti talbu dikjarazzjoni li l-ghemil ta' l-intimati li cahhdu lir-rikorrenti milli jinghataw licenzja biex joperaw spizerija fi 21, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta kien abbuziv u illegali u dan *stante* li agixxew *ultra vires* billi ma segwewx il-kriterji stabbiliti mil-ligi.

Fit-tielet lok ir-rikorrenti talbu dikjarazzjoni li r-rifjut kien ghanijiet mhux xierqa u msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Talbu dikjarazzjoni li c-cahda tohloq vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni kemm ta' l-Artikoli 7,12, 14 u 21 tal-Kostituzzjoni u *Article* (II-75) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea kif elenkati fil-Libertajiet tac-Ch*arter of Fundamental Rights* ta' l-Unjoni Ewropea, klawsola 1(2) tal-*European Social Charter* oltre d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Generali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Artiklu (23) u fl-Artiklu (6) tal-Konvenzjoni Internazzjonali *on Economic Social and Cultural Right* li Malta hija firmatarja taghha u billi tivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` a tenur ta' l-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u 45 ta' l-istess Kostituzzjoni billi tivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Intalbet ukoll dikjarazzjoni li c-cahda tohloq vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe` tad-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` kif ukoll ta' l-Artiklu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe` diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom.

Ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tordna lill-intimati jew min minnhom biex jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex ikunu jistghu joperaw spizerija mill-fond 21, Triq ir-Repubblika, Valletta, u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti, u li fin-nuqqas illi l-intimati jew min minnhom jaghtu licenzja lir-rikorrenti ghandu jigi ikkunsidrat illi r-rikorrenti jkunu jistghu joperaw spizerija mill-fond fuq imsemmi.

***D2. Dikjarazzjoni ta' l-Ombudsman dwar l-administrative freeze:***

Dwar l-*administrative freeze* huwa interssanti li wiehed jirreferi ghad-Dokument N li fih hemm kopja ta' Case number F533 dwar il-*Health Division* u li f'pagna 55 ta' dan il-process fejn jinghad:

"*The Ombudsman concluded his investigation by stating that the freeze had lasted ten years and that in his view this was a very long time. He therefore urged the Health Authorities to resolve this impasse as soom as possible since the freeze constituted a violation of fundamental human rights or at least was a threat to them*. ..."

Jinghad ukoll li giet esebita ittra datata 18 ta' April, 1991 mibghuta mill-Onorevoli Ministru Louis Galea lill-Onorevoli Michael Bonnici dwar spizeriji f'Haz-Zebbug. Fiha jissemma li fil-bidu ta' dik l-amministrazzjoni kienet nghatat direttiva biex l-applikazzjonijiet ghall-hrug, tigdid u trasferimenti ta' licenzji ta' spizeriji jigu iffrizati sakemm tigi kunsidrata t-talba tal-Kamra ta' l-Ispizjara li spizjar biss jista' jkollu tali licenzja. Izda wara harget li din hija kontra l-ligi u li probabbilment kienet sejra tigi kontestata. Ghalhekk kien gie deciz fl-1991 li d-Direttiva ta' tliet snin u nofs qabel ma kenitx aktar sostenibbli u li d-Dipartiment tas-Sahha kellu jikkunsidra l-applikazzjonijiet kollha. Dr Galea semma li meta taw direttiva amministrattiva in segwitu gew moghtija l-parir li ma kienux qed jagixxu skond il-ligi, b'mod li tawwlu l-process ghal zmien twil inutilment.

***D3. Awtorita` dwar il-Medicini ma hix legittimu kontradittur:***

L-intimati eccipew preliminarjament li l-Awtorita` dwar il-Medicini ma hix legittimu kontradittur *stante* li l-licenzji ghal operazzjoni ta' spizerija tinghata biss mill-Awtorita` dwar il-Licenzjar illi effettivament hija t-Tabib Principali tal-Gvern.

Irrizulta li a tenur ta' l-Artikolu 3 (2) ta' l-Att dwar il-Medicini, l-Awtorita` dwar il-Medicini ma hix vestita bil-poter illi tohrog licenzji ghal gestjoni ta' spizerija. Tali

funzjoni hija unikament ta' l-Awtorita` dwar il-Licenzjar. Infatti l-funzjonijiet ta' l-Awtorita` intimata huma dawk elenkati fl-Artikolu msemmi. Meta wiehed jistudja l-provvedimenti relevati minn imkien ma jirrizulta li l-ghoti *o meno* ta’ licenzji bhal dik mertu tal-kawza hija funzjoni moghtija lil din l-Awtorita` dwar il-Medicini. Dan kollu jwassal li Awtorita` dwar il-Medicini ma hix legittimu kontradittur.

Ir-rikorrent jirrileva li l-korrispondenza kollha illi ghaddiet bejn il-partijiet kif jirrizulta mid-dokumenti H u I, gew mibghuta mill-istess awtorita' rigwardanti l-korrispondenza ghall-applikazzjoni ta' l-ispizerija, kif ukoll ghar-rigward it-trasferiment ta' licenzja ta' spizerija. Ukoll effettivament it-Tabib Principali tal-Gvern jagixxi fuq il-parir ta’ l-Awtorita` tal-Medicini, izda ma hux marbut bih. Wiehed ikollu joqghod fuq dak li tghid il-ligi ghalkemm il-korrispondenza kienet mal-Awtorita`. Kien propju ghalhekk li meta r-rikorrenti istitwew il-kawza odjerna ghazlu li jinkludu diversi intimati biex jiccentraw il-persuna responsabbli.

Id-decizjoni mertu ta’ dawn il-proceduri ttiehdet mill-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika fil-kwalita` tieghu ta’ Awtorita` dwar il-Licenzjar. Dan huwa anke accettat mir-rikorrenti fin-nota taghhom f’pagna 9 (fol 207 tal-process), "illi kif jirrizulta mil-Ligi l-unika persuna awtorizzata biex tohrog tali licenzja ta’ Spizerija huwa s-Supretendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` tal-Licenzjar u hadd aktar".

Dan kollu jwassal li Awtorita` dwar il-Medicini ma hix legittimu kontradittur.

***<u>D4. Il-Ministru tas-Sahha u mhux legittimu kontradittur:</u>***

Ir-rikorrenti jsostnu li l-Ministru tas-Sahha huwa responsabbli wkoll *stante* li kif jistipula l-Artikolu 66 tal-Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament rigward spizeriji jsiru mill-Ministru oltre li l-Ministru ghandu l-obbligu li jitlob li l-Awtorita` tal-Medicini biex jiehu l-pariri taghha rigwardanti minn ghandu jkollu licenzja biex jopera spizerija jew le.

Izda fil-fehma tal-Qorti l-Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunita` mhux moghti l-poter mitlub mir-rikorrenti ghax l-unika Awtorita` vestita bid-diskrezzjoni ghall-hrug ta' licenzji bhal dik mertu ta' din il-kawza hija l-Awtorita` dwar il-Licenzjar illi effettivament hija t-Tabib Principali tal-Gvern. Il-fatt li l-Ministru huwa responsabbli ghar-regolamenti dwar spizerija ma jwassalx ghall-fatt li l-licenzji jaghtihom hu.

Ghalhekk ukoll il-Ministru mhux il-legittimu kontradittur.

***D5. L-Avukat Generali fil-kawza odjerna:***

Dwar l-ghoti ta' licenzji jinghad li l-artikolu 181B tal-Kap 12, fis-subartikolu 2, jghid:

"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."

Fil-kaz in ezami t-talba dwar il-licenzji trid issir kontra l-Awtorita` dwar il-Licenzjar illi effettivament hija t-Tabib Principali tal-Gvern.

Irrizulta li d-decizjoni mertu ta' dawn il-proceduri ttiehdet mill-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika fil-kwalita` tieghu ta' Awtorita` dwar il-licenzjar.

Ghalhekk hawn ukoll l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur.

***D6. Dikjarazzjoni li r-rikorrenti ghandhom il-kwalifiki necessarji:***

It-tielet eccezzjoni ta' l-intimati hija:

"Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess fil-konfront ta' l-ewwel talba tar-rikorrent il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur u dan *stante* li l-kawza hija dwar ezercizzjoni ta' diskrezzjoni amministrattiva li ma tistax tigi sostitwita mill-Qorti."

Ghalhekk l-intimati sostnew li r-rikorrent fit-talbiet tieghu qed jissollecita lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex "tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom il-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex jkollhom jew jinghataw licenzja biex jiggestixxu sprzerija f'21 Triq ir-Repubblika, Valletta" u li din it-talba hija karenti minn fundament guridiku *stante* li l-unika Awtorita` li ghandha l-mansjoni tiddeciedi takkordax jew tirrifjutax applikazzjoni ghal ghoti ta' licenzja hija l-Awtorita` dwar il-Licenzjar.

Dwar dan l-aspett l-intimat jikteb hekk:
"Illi ir-rikorrent jista' jitlob lill-Qorti tissindika l-operat ta' din l-Awtorita` sabiex tiddetermina jekk l-istess Awtorita` mxietx mal-parametri oggettivi elenkati mill-Ligi ghal kunsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni. Il-Qorti fl-opinjoni umli ta' l-esponent tista' tissindika l-agir ta' l-Awtorita` a bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, izda ma ghandhiex il-mansjoni illi tevalwa hija l-applikazzjoni u tiddeciedi jekk tinghatax il-licenzja u dana billi jekk isir hemm hija ma tkunx qed tissindika l-operat ta' l-Awtorita' izda tkun qed tuzurpa il-funzjoni ta' l-Awtorita'. Il-Qorti ghandha l-poter tissindika izda mhux tagixxi minflok l-Awtorita`."

Ghal dan ir-rikorrenti jissottometti:
"Illi l-Qorti ghandha l-Awtorita` mhux kif qieghed jghid l-intimat, biex tissindika l-agir ta' l-intimat, biex tara jekk huwa agixxa *ultra vires* biex tara jekk ikkonsidrax ir-regolamenti kollha u l-kriterji kollha skond il-Ligi bhal kriterji demografici u jekk uzax kriterji li ma johorgux mill-Ligi bhal *freeze* amministrattiv.

8. Illi kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-Awtoritajiet koncernati applikaw *freeze* amministrattiv li ma kienx jezisti meta jirrizulta illi fil-Belt Valletta kienu ghalqu 'l fuq minn 5 spizeriji go Triq ir-Repubblika biss, u minkejja dan, ghal ragunijiet inspjegabbli, l-istess Awtoritajiet irrifjutaw illi jitrasferixxu licenzja, ftit passi 'l boghod minn fejn dik il-licenzja kienet funzjonanti.

9. Illi ghalhekk l-operat ta' l-Awtoritajiet huwa sindakabbli u d-diskrezzjoni amministrattiva ghandha tigi uzata u

mhux abbuzata u ghalhekk il-Qorti ghandha dritt tissindika l-operat ta' l-istess awtoritajiet."

Fil-kawza deciza fit-8 ta' Ottubru, 2009 minn din il-Qorti kif presjeduta (Rikors Nru.: 557/06FS) fl-ismijiet **Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana** inghad:
"Ikkunsidrat li meta wiehed janalizza l-artikolu 469A, fis-subartikolu (1) tieghu isib li dan jipprovdi ghal kompetenza civili biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet hemm imsemmija. Is-subartikolu (2) tieghu jiddefinixxi "eghmil amministrattiv" bhala:
"l-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità."

Hemm ukoll definizzjoni ta' "awtorità pubblika". Jissemma wkoll it-terminu biex jitwaqqa' eghmil amministrattiv, sakemm ma jkunx hemm xi terminu specifikat f'xi ligi ohra. Is-subartikolu (5) tieghu jghid hekk:
"(5) F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet *in mala fede* jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra. …

… Issa wiehed irid jara x'inhu ezattament l-iskop ta' l-artikolu 469A li fil-fatt huwa l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Jekk wiehed ihares lejn il-lokuzzjoni ta' l-ewwel artikolu jinghad li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi eghmil amministrattiv jew jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li jinsabu elenkati taht. Is-subartikoli l-ohra jikkomplimentaw dak li inghad fl-artikolu 1 billi jiddefinixxi eghmil amministrattiv u awtorita`

pubblika, isemmu t-terminu ghall-istituzzjoni ta' kawza, u jsemmu li f'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni, liema danni m'ghandhomx jinghataw jekk l-awtorita` pubblika ma tkunx imxiet in *mala fede*. Jekk wiehed ihares ukoll lejt it-test Ingliz ta' l-imsemmi artikolu jsib "*may enquire into the validity of any administrative act…*" u dan ghalhekk jaghmilha cara li dan l-artikolu qed jitkellem fuq stharrig ta' l-azzjoni amministrattiva ghalkemm fis-subartikolu (5) jsemmi li "*it shall be lawful for the plaintiff to include in the demand a request for the payment of damages…*".

Is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ma argumentax u anqas ippretenda li l-agir tieghu ma jkunx sindikat mill-Qorti. Hu jaccetta li l-agir ta' l-amministratur huwa suggett ghal skrutinju mill-Qorti, izda l-Qrati ma jistghux jissostitwixxu l-gudizzju ta' l-amministratur b'taghhom - Qorti ta' l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Fava *pro et noe* vs Supretendent tas-Sahha Pubblika**:
"din il-Qorti, pero` trid tirrimarka, anke biex jigu evitati malintizi 'l quddiem f'kaz ta' cirkostanzi simili, li hi ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti pprovdiet rimedju. F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero', ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita' kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtortia', hija dik l-awtorita' li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita' biex dik tiehu decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita' ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed titttituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti; pero' finalment hija dik l-awtorita' li trid tiehu d-decizjoni, mhux il-Qorti:

Hekk, fil-kawza **Grech vs Ministru tax-Xoghlijiet *et***, deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:

".....il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' *judicial review* tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva id-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni riservata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom. "

28. Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti **Borda v. Ellul Micallef**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita' li hija moghnija b'diskrezzjoni tista tigi ordnata tezercita dik id-dikrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita' "ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari" (ara wkoll **Borg *noe* v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2007)."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Falzon vs Il-Prim Ministru *et***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili fis-6 ta' Lulju, 2007 (Appell Civili Numru 276/2000) qalet:
"… Dawn il-Qrati, fil-funzjoni taghhom ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ghandhom id-dritt jiddeciedu jekk att partikolari ikun null u bla effett ghax mhux skond il-ligi, jew ghax jilledi l-principji tal-gustizzja naturali, izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom rizervata lill ezekuttiv b'dik taghhom. Il-Qorti f'dawn il-kazijiet ma tistax tissindika il-mertu tal-kaz (Mary Grech vs Ministru tax-Xogholijiet 29/1/1993).

"Skond l-artikolu 469A(2) l-Qrati ordinarji ma ghandhomx gurisdizzjoni jissindikaw "mizuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna" Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-persuna responsabbli biex jiddeciedi x'inhuma l-esigenzi tas-servizz fid-dipartiment tieghu u l-Qrati m'ghandhomx jissostiwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-Kap tad-Dipartiment dwar il-mertu ta' x'hemm bzonn fis-servizz li

jaghtu. Il-Qrati izda, kif gja nghad, ghandhom gurisdizzjoni li jaraw li l-organi kollha ta' l-istat josservaw il-ligi. …"

Il-Ligi li trid tigi applikata hija l-Ligi li kienet ezistenti meta r-rikorrenti applikaw biex huma jkollhom tali licenzja. Ir-responsabbilta` hija biss tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika. Hu biss il-persuna awtorizzata bil-ligi biex jiddeciedi jekk persuna ghandhiex ikollha licenzja ta' spizerija jew le u l-ebda *Tripartite Committee* m'huwa awtorizzat bil-Ligi biex jiehu d-decizjonijiet minfloku. Dan it-*Tripartite Committee* kien maghmul minn Rapprezentant tal-GRTU, mir-Rapprezentant tal-Kamra ta' l-Ispizjara u mill-Awtorita` tal-Medicini. Din il-Kummissjoni dehrilha li d-decizjonijiet taghha jekk jinhargux licenzji ta' spizeriji ghandhom ikunu l-ahhar kelma fid-decizjoni. Certament dan ma hux il-kaz u din setghat taghti pariri, izda responsabbli kien dejjem is-Supretendent li ried bil-fors jimxi mad-dettami tal-ligi.

Irrizulta li r-Rapprezentant tal-GRTU u r-Rapprezentant tal-Kamra ta' l-Ispizjara ossia Mario Debono u l-Ispizjara Marianne Sant Fournier rispettivament kienu kontra tali permess jinhareg lir-rikorrenti waqt li Dr. Vella Bonanno ossia CEO ta' l-Awtorita` Dwar il-Medicini u r-Rapprezentant tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika fuq dan it-*Tripartite Committee* kienet favur li din il-licenzja tinhareg, kif xehedet fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2010, fejn qalet:
…. "ahna mill-affarijiet kif kienu qeghdin dak iz-zmien, ma nistghux naraw x'kienet l-issue" … u ghalhekk mistoqsija jekk is-Sur Fava kienx jikkwalifika biex ikollu licenzja dak iz-zmien qalet illi "jekk tapplika l-Ligi per se, iva".

Minflok kien hemm *administrative freeze.* Issa mill-ittra tat-18 ta' April, 1991 esebita a fol 82 tal-process, jirrizulta li kien sar qbil li d-direttiva li kienu taw tliet snin u nofs qabel ma kenitx aktar sostenibbli u li d-Dipartiment tas-Sahha seta' jikkunsidra l-applikazzjonijiet kollha pendenti konnessi ma' dawk il-licenzji. Jinghad ukoll li fl-10 ta' Mejju, 1990, id-Dipartiment tas-Sahha kien kiteb lill-Ministeru fejn infurmahom li l-friza ta' l-ipprocessar ta' dawn il-licenzji hija kontra l-ligi, u s-Supretendent tas-

Sahha Pubblika kien esprima li kien hemm min kien qieghed jikkontesta dik id-direttiva.

Mill-affidavit ta' Dr. Patricia Vella Bonanno jirrizulta li r-raguni ghaliex l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma ntlaqghetx kienet li kien hemm *in vigore* l-Avviz Legali 31 ta' l-1984. Ir-Regolament 5 kien jispecifika li ried ikun hemm *ratio* ta' spizerija ghal kull tlett elef resident fil-Belt. Dakinhar li applikaw ir-rikorrenti kien hemm diga 7 spizeriji miftuha u ghalhekk il-kriterju tar-*ratio* ma kienx sodisfatt. Minhabba dan, is-Supretendent jargumenta li r-raguni ma kenitx l-*administrative freeze* izda dan ir-regolament. Jispecifika li din il-*freeze* dahlet fis-sehh fl-1996. Ta' min isemmi li bil-*Legal Notice* 117/1996 ir-*Regulation* 5 tal-LN31 ta' l-1984 u cioe` li kienet tirregola l-*quota considerations* giet revokata u ghalhekk l-unika konsiderazzjoni ohra li seta' baqa' biex ma tinhariglux licenzja kienet l-*administrative freeze*. Fil-kors tal-kawza l-Qorti osservat li lir-rikorrenti ngabulu l-iskuzi kollha possibbli, daqqa ghax tinqabez il-kwota tat-3,000 ruh ghal kull spizerija, daqqa ghax hemm l-*administrative freeze*, daqqa minhabba s-suggerimenti tat-*Tripartite Commission*, daqqa ghax ir-rilokazzjoni ma setghetx issir minhabba li l-ispizerija li taghha riedet issir ir-rilokazzjoni issa ghalqet, u ragunijiet varji. Dan kollu ma jikkonvincix lill-Qorti li l-affarijiet imxew kif suppost. Infatti, meta fit-2 ta' Lulju, 1996 ir-rikorrenti talbu r-rikonsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni taghhom tal-25 ta' April, 1990, huma kellhom dritt li tinhargilhom licenzja *stante* li l-*quota considerations* gew revokati u ma kien jezisti l-ebda *administrative freeze*.

Is-Supretendent jargumenta li r-rikorrenti **QATT** ma kellu dritt ghal licenzja u li hu, is-Supretendent, **QATT** ma kellu l-obbligu li jaghti licenzja. Jargumenta hekk :
"Li kieku kien jezisti dan id-dritt u dan l-obbligu allura ma hemmx lok ghad-diskrezzjoni ta' l-intimat ghax l-ghoti tal-licenzja jkun awtomatiku. Izda dan ma hux korrett. Kif inhu ormai saput u accettat anke mill-Qorti taghna licenzja ma hix dritt izda koncessjoni, u l-amministrazzjoni ma ghandha ebda obbligu awtomatiku li tohrog licenzja. L-obbligu ta' l-intimat huwa li jevalwa appllkazzjoni b'mod korrett, japplika l-ligi b'mod korrett u jiddeciedi b'mod

korrett. Id-decizjoni ahharija ma hix il-hrug awtomatiku tal-licenzja izda jista' jkun li d-decizzjoni tkun wahda negattiva. L-intimat ghandu l-obbligu li jevalwa, huwa ma hux magna "ta' l-ATM"!"

Din il-Qorti kif presjeduta certament li ma taqbilx mar-ragunar ta' l-ewwel parti ta' din il-kwotazzjoni. Ic-cittadini li jitolbu licenzji eccetra, ghandhom **DRITT** ghalihom jekk konformi mal-ligi u m'hu ebda pjacir ta' ebda ufficjal amministrattiv li jaghmel xogholu kif suppost. Kif jghid l-istess supretendent fit-tieni parti ta' din il-kwotazzjoni hija li hu jevalwa b'mod korrett l-applikazzjoni u japplika l-ligi, u d-decizjoni tista' tkun kemm pozittiva kif ukoll negattiva. Bhal Gudikant, hu ghandu l-obbligu li jiddeciedi wara li jevalwa l-fatturi kollha, u ma jaghti kaz ta' ebda kunsiderazzjoni ohra, izda hu ferm zbaljat li jghid li r-rikorrent **QATT** ma ghandu dritt ghal licenzja, ghax jekk it-talba tieghu hija konformi mal-ligi, ir-rikorrent ghandu **DRITT** ghaliha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti kellu kull dritt li jitlob li l-Qorti tissindika l-operat dwar il-hrug ta' licenzja fil-parametri oggettivi elenkati mil-ligi. Il-Qorti ghandha l-obbligu tissindika l-eghmil amministrattiv biex tevalwa jekk kienx *ultra vires* u jekk gewx osservati r-regolamenti kollha u l-kriterji li johorgu mil-ligi. Irid isir l-istharrig gudizzjarju u l-Qorti ghandha gurisdizzjoni tistharreg il-validita` ta' l-eghmil amministrattiv u f'xi kazijiet tiddikjara eghmil null, invalidu u minghajr effett (*may enquire into the validity of any administrative act*). Izda l-Qorti m'ghandhiex il-mansjoni li tevalwa hi stess l-applikazzjoni u tiddeciedi fuqha minhabba li jekk taghmel dan tkun qed tuzurpa l-funzjonijiet amministrattivi. Certament tali decizjoni trid tittiehed mal-kriterji kollha stabbiliti fil-ligi u certament mhux applikabbli *freezes* ammistrattivi f'dan l-istadju. Il-kompetenza tal-Qorti hija limitata biex tordna li tittiehed decizjoni u biex thassar decizjoni, izda mhux biex hi stess tiehu d-decizjoni flok l-Awtorita` kompetenti. Jibqa' f'idejn is-Supretendent tas-Sahha d-diskrezzjoni li jiehu d-decizjoni. Jekk imbaghad dik l-Awtorita` ma tiehux decizjoni kif titlob il-ligi, tista' tigi mgieghla taghmel dan,

izda dejjem l-Awtorita` li trid tiehu d-decizjoni u mhux il-Qorti, b'mod li d-diskrezzjoni riservata lill-ezekuttiv, trid tibqa' f'idejn l-ezekuttiv.

F'dawn it-termini l-Qorti qed tordna lis-Supretendent tas-Sahha biex jezercita dik id-diskrezzjoni u jimxi konformi mal-ligi. Irrizulta li d-decizjoni sal-lum ma kenitx konformi mal-ligi f'xi zminijiet.

Ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti thoss opportun li qabel ma tindaga t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti u eccezzjonijiet relevanti, taghti zmien ghal differiment u tordna lill-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika biex permezz ta' nota fir-Registru tal-Qorti jinfurmaha dwar id-decizjoni tieghu.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghat-3 ta' Ottubru, 2011 fil-11.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------